A.L. 206 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Religious Studies taħt il-patroċinju tal-Fakulta' tat-Teoloġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakulta' tat-Teoloġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Religious Studies taħt il-patroċinju tal-Fakulta' tat-Teoloġija.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba l-kuntest ma jitlobx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakulta' tat-Teoloġija;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Religious Studies;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studji li jwassal għad-Diploma in Religious Studies.

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2003 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita'.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' sentejn ta' studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm tal-Kors

5. Il-Kors jikkonsisti f':

(a) għadd ta' taqsimiet studju li għalihom hemm 52 kredtu assenjati; u

(b) taqsima studju li tkopri Esej Twil li għaliha hemm 8 kredti assenjati.

L-Esej Twil

6. L-esej twil għandu jkun ta' mhux anqas minn 6,000 kelma, u għandu jingħata sat-tmiem tal-perijodu ta' tagħlim ta' l-aħħar semestru, ħlief jekk il-Bord, għal raġuni valida, ma jagħtix permess li jingħata f'data aktar tard.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

7. (1) L-evaluazzjoni globali tal-livell milħuq minn kull student fil-Kors għall-għan tal-klassifikazzjoni tad-Diploma tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors, bil-kredti kollha jingħataw piż ugwali.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.